MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 651/1999/1

**Giovanni u Simone konjugi Cefalu**

**vs**

**Crown Hotels Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tal-atturi datata 17 ta' Marzu 1999 a fol 1 tal-process fejn esponew: -

Illi l-attur huwa direttur tas-socjeta AMC Electric Ltd;

Illi din s-socjeta` kienet dahlet f'kuntratt mas-socjeta` konvenuta fil-1 ta' Dicembru 1997, ghall-esekuzzjoni u provvista ta' xoghlijiet u makkinarju ta' elettriku u idrawlika fil-lukanda maghrufa Arizona Hotel, Bugibba.

Illi s-socjeta` konvenuta naqset li zzomm il-post tax-xoghol cioe` l-Arizona Hotel liberu kull intralc jew impediment, u halliet l-fond f' liema kellhom jigu esegwiti x-xoghlijiet mis-socjeta` tal-attur fi stat ta' perikolu ghall-inkolumita` personali tal-haddiema, u dan b' negligenza kif ukoll bi ksur tar-regolamenti u ligijiet li jissalvagwardaw l-inkolumita` tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol.

Illi fii-kors tal-esekuzzjoni tal-istess appalt mis-socjeta` attrici l-attur Giovanni Cefalu fit-30 ta' Jannar 1998, korra waqt li kien qieghed izur il-fond tas-socjeta` konvenuta, cioe` l-Arizona Hotel, Bugibba, u dan fil-kors tal-esekuzzjoni tal-appalt kommess lis-socjeta` tieghu AMC Electric Ltd, lierna incident gara minhabba l-istat hazin f' liema s-socjeta` konvenuta halliet l-fond tax-xoghol lilha appartenenti, u dan b' tort u htija tan-negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess socjeta` konvenuta.

Illi b' konsegwenza ta' dan l-attur sofra debilita` permanenti kif jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

Illi l-attur sofra diversi konsistenti f' kuri medici, spejjez inerenti ghall-kura, telf ta' xoghol u qliegh, u telf risultanti mid-debilita` b' liema huwa baqa' affett kif jigi ppruvat fil-kors tat-trattzzzjoni.

Illi s-socjeta` konvenuta ghallkemm interpellata b'ittra ufficjali tas-27 ta' April 1998, baqghet inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex: -

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta responsabbli ghad-danni kollha sofferti mill-attur fl-incident li gara fil-Arizona Hotel Bugibba fit-30 ta' Jannar 1998, liema incident gara minhabba n-negligenza, nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti u ligi, tort u htija tas-socjeta` konvenut.

2. Tillikwida d-danni mill-istess attur fil-fuq imsemmi incident, okkorendo b' opera ta' periti noniinandi.

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-27 ta’ April 1998 u bl-imghax kummercjali mid-data tal-pagament dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Il-konvenuti huma ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 3 u 4 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-23 ta’ Gunju 1999.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta’ Gunju 1999 fejn Dr. Carlo Bisazza talab li jinghata fakolta` li jipprezenta l-osservazzjoni tieghu. Il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Paul Farrugia biex jisma’ il-provi kollha dwar il-kaz mill-atturi; u l-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta’ Jannar 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Teresa Cachia ghall-attur li ddikjarat li m’ ghandhiex provi aktar. Il-Qorti tat lis-socjeta` konvenuta ghoxrin (20) jum minn dan il-verbal biex tipprezenta nota ta’ osservazzjonijiet bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu ghoxrin (20) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ April 2001.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ Crown Hotels Limited datata 5 ta’ Frar 2001 a fol 40 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fis-26 ta’ April 2001 fejn il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza *stante* li ma irrizultax li tressqu provi dwar l-introjtu tal-attur u halliet il-kawza biex jitressqu l-provi ghas-6 ta’ Gunju 2001.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-23 ta’ Jannar 2002 fejn inghatat decizjoni fuq ir-rikors ghas-socjeta` konvenuta tas-16 ta’ Ottubru 2001.

Rat id-decizjoni ta’ din il-Qorti datata 23 ta’ Jannar 2002 fejn iddikkjarat in-notifika tac-citazzjoni attrici tat-23 ta’

April 1999 bhala nulla u bla effett ghall finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk ordnat in-notifika mill-gdid tac-citazzjoni attrici lis-socjeta’ konvenuta skond il-ligi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tas-socjeta` konvenuta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tat-8 ta’ Gunju 2004 meta ssejhet il-kawza deher Dr. Robert Tufigno ghas-socjeta` konvenuta u irrileva illi s-socjeta` konvenuta ghalkemm notifikata bl-avviz izda ma gietx notifikata bic-citazzjoni skont il-ligi. Il-kawza giet differita ghat-22 ta’ Gunju 2004 sabiex tinstema’ kontestwalment mal-kawza citazzjoni 650/99.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Gunju 2004 li fiha Dr Robert Tufigno ghas-socjeta’ konvenuta ta ruhu b’notifikat bic-citazzjoni u avviz tal-kawza kollox quddiem din il-Qorti diversament presjeduta (fol. 237).

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Crown Hotels Limited datata 13 ta’ Lulju 2004 a fol 238 tal-process fejn eccepiet:-

1. Illi t-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi s-socjeta` eccipjenti mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni u wisq anqas ghad-danni li l-atturi qed jitolbu.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti flimkien mal-lista tax-xhieda tas-socjeta` konvenuta a fol 238 sa 240 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta’ Ottubru 2004 quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn il-Qorti nnominat lill-

Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi biex tkompli bil-gbir tal-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti kif presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006 fejn il-Qorti nnotat li l-verbali tas-seduti precedenti quddiem il-Qorti ma kienux jirrifflettu l-posizzjoni korretta f' dak li hu okkju u ordnat l-korrezzjoni tal-istess. Il-Qorti ordnat l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli biex tiffissa l-ahhar seduta ghall-provi kollha attrici, u zewg seduti ghall-konkluzjoni tal-provi tas-socjeta` konvenuta; u l-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Frar 2007 fejn il-Qorti nnominat bhala Perit Legali lil Dr Anna Mallia sabiex tirrelata dwar it-talbiet attrici wara li tiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia pprezentat fir-registru fis-26 ta' Jannar 2009 u mahluf *seduta stante* fit-22 ta' Ottubru 2009; l-istess rapport jinsab esebit a fol 271 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-24 ta' Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd. Il-Qorti ordnat il-kancellament tal-kawza minn fuq il-lista a spejjez attrici.

Rat ir-rikors tas-socjeta` Crown Hotels Limited datat 30 ta' Gunju 2010 a fol 288 tal-process fejn talbet lill-Qorti joghgobha tordna li l-kawza odjerna tigi riappuntata sabiex tigi trattata u deciza skont il-ligi; u l-Qorti, wara li rat in-nota tal-istess socjeta` Crown Hotels Ltd., laqghat it-talba u rrijappuntat din il-kawza ghas-smigh ghad-9 ta' Novembru 2010.

Rat ir-rikors tal-atturi kollha datata 16 ta' Gunju 2011 a fol 309 tal-process li permezz tieghu pprezenta d-domandi lill-Perit Legali.

Rat in-nota tal-Perit Legali Dr. Anna Mallia datata 26 ta' Gunju 2011 a fol 313 tal-process li permezz taghha pprezentat ir-risposti ghad-domandi in eskussjoni tal-atturi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Novembru 2011 fejn meta ssjehet il-kawza dehret Dr. Sabina Cabourdin ghas-socjeta` konvenuta Crown Hotels Ltd. Dr. Refalo u s-socjeta` attrici msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2012.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-attur qed jibbaza t-talbiet tieghu bhala naxxenti mill-kuntratt ta' appalt bejn is-socjeta AMC Electric Limited li taghha huwa direttur, u s-socjeta konvenuta, u ghalhekk il-konvenuta jkollha tinkwadra t-talbiet tal-attur proprjament bhala naxxenti minn dan l-appalt. .

Illi l-**artikolu 2 (2) (a) u (b) tal-Att Nru VII tal-1994 Dwar Is-sahha u Sigurta Fuq Il-post Tax-Xoghol** li meta gara l-incident kienet ghadha fis-sehh, jghid li huwa dmir ta' min ihaddem li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn periklu li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita` fizika u psikologika tal-haddiema u li huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura li kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull periklu li jista jigi evitat ghall-inkolumita fizika u psikologika tal-haddiema impjegati minnu.

Illi diversi drabi gie ritenut mill-Qrati taghna li "*huwa obbligu ta' min ihaddem li jara li jipprovdi ambjent fejn ikun hemm is-sigruta ghas-sahha tal-haddiema li jhaddem. Min ihaddem ghandu l-obbbligu li jipprovdi supervizjoni kemm tal-impjegati kif ukoll tax-xogholijiet li jkunu qed isiru. Ghandu jipprovdi wkoll struzzjonijiet dwar kif ghandu jigi ezegwit ix-xoghol. L-istandard of care li ghandu jkollu min ikun qed ihaddem huwa dak ta' bonus pater familias".* (**"Degiorgio vs Falzon"** P.A. 14 ta' Ottubru 2004 u **"Cini vs Wells"** P.A. 29 ta' Mejju 2001)

**Illli l-artikolu 1031 tal-Kap. 16** jitkellem dwar id-delitti u l-kwazi delitti u jipprovdi li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu, u l-**artikolu 1029** tal-istess jghid li kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid l-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara.

Illi ghalhekk hu in kolpa min ma juzax il-prudenza, diligenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias' abbinat ma' xi ksur ta' xi dmir impost mill-ligi (ara **Vol. XLIV.i.343**; u **"Paul Camilleri noe vs Michael Grech"** A.C. - 8 ta' April, 1991 fejn jinghad li *"Quando si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria omissione di diligenza percui non si prevedono la consequenza della propria azione o omissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ad anche senza avvvedersene allora si ha con il caso fortuito ma la colpa ed il quasi delitto."* In linea ta' principju jinsab enuncjat li *"hu mprexxindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-konsegwenza dannuza* (kollez. Vol. XLIV P1 p343).

Illi fil-kaz in ezami l-attur ma kienx impjegat tas-socjeta AMC Limited u lanqas kellu kuntratt ta' appalt maghha. Kien proprju direttur tas-socjeta AMC Electric Limited, kif jghid hu stess, u kien sejjer biex jissorvelja x-xoghol ta' appalt li kellha l-istess socjeta mas-socjeta konvenuta.

Illi pero l-attur qed jikkontendi li huwa korra minhabba li s-socjeta` konvenuta halliet il-fond tax-xoghol lilha appartenenti fi stat hazin u li l-incidenti gara b'tort u htija tan-negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-istess socjeta` konvenuta, mentri s-socjeta` konvenuta qed tikkontendi fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha li hija ma ghandhiex relazzjoni guridika mal-attur, li mhix responsabbli tal-bankina, u lanqas ma gab prova l-attur li t-terrapien li thalla fuq il-bankina thalla mill-haddiema inkarigati minnu.

Illi hija gurisprudenza konstanti li huwa dmir tal-kuntrattur/*employer* li jaghmel ezami jew spezzjoni tal-post tax-xoghol u jkun cert li l-lant tax-xoghol ikun wiehed minghajr perikoli zejda. Huwa obbligu ta' min jimpjega jew jassenja x-xoghol li jara li l-haddiem jaf bir-riskji u l-prekawzjonijiet li ghanu jiehu. Illi dan jirrizulta mis-sentenza "**Alfred Cutajar vs Dione Bartolo u Mario Cauchi"** (P.A. 27 ta' Novembru 2007) u l-kawzi fiha citati fosthom dik tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fl-ismijiet **"Bugeja vs Montanaro Gauci"** deciza 14 ta' Mejju 2004 fejn gie osservat li "*huwa daqstant importanti fil-kuntest ta' responsabbilita lill-ambjent kollu fejn jahdmu l-impjegati jkun tali li jwarrab l-icken possibilita ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan l-obbligu huwa generalment rikonoxxut bhala dmir tal-employer li jipprovdi "a safe place of work".*

Illi l-attur jammetti li huma kienu nnotaw dan id-dizlivell minhabba t-terrapien fuq il-bankina kien ferm perikoluz u li kienu diversi drabi wissew lil min kien responsabbli ghal hotel biex inehhu t-terapien, pero` ghalxejn.

Illi anke l-haddiema tal-istess socjeta` xehdu li tali terrapien kien fl-entrata tal-lukanda u li huma gibdulhom l-attenzjoni ghal dan izda xejn ma jsemmu dwar it-terrapien fuq il-bankina fejn gara l-incident. Difatti huma xehdu " *kien ilhom zmien twil iwissu li min kien responsabbli ghal-lukanda biex jirrangaw l-entrata billi jnehhu t-terrapien kollu li kien gie mitfuh hemmhekk u li kien ferm perikoluz ghas-sahha ta' dawk li kienu qed jahdmu gewwa l-istess lukanda kif ukoll ghal kull min kellu bzonn jghaddi mit-triq.*

*Izda huma qatt ma ghamlu xejn u bilkemm ma kienux jghadduhom biz-zmien".*

Illi dan aktar jitfa` tort fuq is-socjeta appaltatrici AMC Electric Limited li baqghet ma ghamlet xejn dwar dan sabiex tipproteggi l-impjegati taghha u ghazlet li taghmel ix-xoghol f'dawn ic-cirkostanzi, u dan minkejja li kienet taf li kien hemm dan il-periklu u ppermettiet lil haddiema taghha u lid-direttur ukoll li jmur f'dan il-periklu. L-attur bhala direttur tal-istess seta` certament ikkonstata dan kollu u kellu ovvjament jirregola ruhu tempestivament ghal dak li jidher li kien ovvju ghalih. Certament li ma kellux joqghod ma jaghmel xejn, u iktar u iktar jghaddi minn hemm.

Illi ma` dan jinghad li la darba l-attur kien jaf minn qabel li hemm il-periklu huwa bhala persuna responsabbli ma kellux jghaddi minn hemm jew kellu jiehu l-prekawzjonijiet kollha mas-socjeta AMC Electric Limited sabiex dan il-periklu jitnehha minnufih jew jigi mnaqqas,  haga li huwa ma ghamilx.

Illi ghalhekk galadarba l-attur qed isejjes it-talbiet tieghu bhala naxxenti minn kuntratt ta' appalt li kellha s-socjeta` AMC Electric Limited u li huwa kien fuq il-lant tax-xoghol bhala direttur tal-istess socjeta u mar biex jissorvelja x-xoghol u galdarba kif jammetti hu stess u l-haddiema tieghu li kull ma ghamel kien biss li lmenta mas-socjeta konvenuta minghajr ma warrab l-icken possibilta` ta' infortunji fuq ix-xoghol, din il-Qorti taqbel mal-perit legali li t-talbiet tal-attur ma jistghux jigu milqugha ghax f'dan il-kaz kienet is-socjeta AMC Electric Limited li kellha r-responsabbilta` li tara li fuq il-lant tax-xoghol il-haddiema u diretturi taghha ma jkunx hemm l-icken possibilita` ta' infortunji fuq ix-xoghol. Dan jinsab ukoll ikkonfermat mir-risposta in eskussjoni li tat l-istess Perit Legali fejn sostniet li kienet ir-responsabbilita' tas-socjeta' AMC Electric Limited, li taghha l-istess attur kien addett, li tara li l-haddiema u d-diretturi taghha ma jghaddux minn fejn hemm  il-perikolu. Illi ghalhekk it-talbiet tal-attur/i qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta datati 13 ta' Lulju 2004 in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------